MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 405/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**vs**

**Caroline Debono**
**ID280966-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn sebgha u sittin ewro u sitta u tletin centezmu (€267.36c), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 15 ta' April, 2011.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2366/12, u bl-imghaxijiet sa mis-16 ta' Ottubru, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti mehmuza u mmarkati bhala Dok. A sa Dok. D.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn sebgha u sittin ewro u tlieta u sittin centezmu (€267.63c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------